Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 17/2013

**Perit Ian Zammit (ID 348064M)**
**(appellat)**

**Vs**

**Anthony Tonna (ID 770337M)**
**(appellant)**

18 ta' Ġunju, 2018.

1. Permezz ta' rikors preżentat fid-9 ta' Diċembru 2013 fil-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba', ir-rikorrent ippremetta li jikri għalqa msejjħa Tal-Ħandaq limiti tas-Siġġiewi u l-Imqabba tal-kejl superfiċjali approssimattiv ta' 6988m$^2$ lill-intimat versu l-qbiela ta' Lm2.50 (li tammonta għal €5.82 mhux €4.82 kif indikat mir-rikorrent) fis-sena iżda l-intimat, minkejja li ġie interpellat sabiex iħallas kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, naqas milli jħallas il-qbiela għall-iskadenzi li għalqu fis-26 ta' Diċembru 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012. Ir-rikorrent jgħid ukoll li l-intimat kiser il-kondizzjonijiet tal-kirja ukoll għaliex il-kamra rurali fl-imsemmi raba' tinsab fi stat ħażin ta' manutenzjoni kif ukoll għaliex sar żvilupp ta' passaġġ permezz ta' ġebel sabiex jiffavorixxi terzi li m'għandhomx tali jedd. Għaldaqstant, a tenur tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta talab lill-Bord sabiex jiddikjara li l-intimat huwa moruż fil-ħlas tal-qbiela tal-imsemmija għalqa u li kiser l-kondizzjonijiet tal-kirja u konsegwentement jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-istess raba', bl-ispejjeż.

2. Wara notifika permezz ta' pubblikazzjoni u affissjoni,[1] l-intimat wieġeb[2] illi huwa ma jaqbilx mat-talbiet avvanzati mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu peress illi r-raba' msejjaħ tal-Ħandaq, limiti tas-Siġġiewi u l-Imqabba jikkonsisti sors importanti għal għixien tiegħu. Jgħid li fl-eventwalità li jirriżultaw xi arretrati, dawn m' humiex fl-ammont indikat fir-rikors promutur, u fi kwalunkwe każ, huwa dispost iħallas kwalsiasi arretrati dovuti. Inoltré, jsostni li m' huwiex

[1] Fol. 13.
[2] Fol. 16.

minnu li r-raba' meritu ta' dan ir-rikors jinsab fi stat ħażin ta' manutenzjoni, u m' huwiex minnu li huwa wettaq xi żvilupp fuq l-istess raba';

3. Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba iddeċieda l-każ kif ġej:

> *'Il-Bord,*
>
> *Wara illi ra id-dokumentazzjoni kollha prodotta u x-xhieda imressqa quddiem il-Bord*
>
> *Jgħaddi biex jaqta u jiddeċiedi l-każ billi*
>
> *Jiċħad l-eċċezzjonjiet kollha ta' l-intimat*
>
> *Jilqa t-talba rikorrenti kif dedotta u għalhekk*
>
> *Jordna lill-intimat sabiex, fi żmien tlett xhur mill-lum, jivvaka l-għalqa magħrufa bħala Tal-Ħandaq, limiti tas-Siġġiewi u l-Imqabba ta' kejl superfiċjali approssimattiv ta' 6988mk, kif aħjar deskritta fir-rikors promotur u jawtorizza lir-rikorrent sabiex jirriprendi l-pussess ta l-istess għalqa wara t-trapass tal-periodu ta' tlett xhur stipulat hawn fuq.*
>
> *Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimat.'*

4. Illi minn din is-sentenza appella Anthony Tonna. L-aggravju tiegħu huwa:

   a. l-Bord ma ta' l-ebda deċiżjoni dwar it-talba tal-appellat għal dikjarazzjoni ta' morożità fil-ħlas tal-qbiela minkejja li għamel aċċenn għaċ-ċedola ta' depożitu ta' qbiela għall-perjodu bejn l-2009 sa l-2016 ppreżentata mill-appellant fil-mori tal-kawża;

   b. rigward il-ħsarat fil-kamra u fil-ħitan tas-sejjieħ, l-appellant jikkontendi li dawn mhumiex tali li setgħu iwasslu lil Bord sabiex jasal għall-konvinċiment li hemm lok għar-ripreża tar-raba' in kwistjoni;

5. Illi permezz ta' risposta datata 4 ta' Mejju 2017 l-appellat fisser għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

6. L-appellant jilmenta li l-Bord ma tax deċiżjoni dwar it-talba tal-appellat għal dikjarazzjoni ta' morożità fil-ħlas tal-qbiela minkejja li għamel aċċenn għaċ-

ċedola ta' depożitu ta' qbiela għall-perjodu bejn l-2009 sa l-2016 ppreżentata mill-appellant fil-mori tal-kawża.

7. Da parti tiegħu l-appellat wieġeb illi mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Bord effettivament ikkonkluda li kien hemm morożità fil-ħlas tal-qbiela, f' kull każ, *a tenur* tal-artikolu 235 tal-Kap. 12 m' hemmx appell *ab omessa decisione*.

8. Fir-rikors promotur li bih inbdew dawn il-proceduri wieħed mill-ilmenti ta' sid il-kera hi l-morożita fil-ħlas tal-qbiela fir-rigward tal-iskadenzi 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012. It-talba tar-rikors promotur taqra:

> *"Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Bord jogħġobha tiddikjara illi* ***l-intimat huwa moruż fil-ħlas tal-qbiela fuq imsemmija*** *u kiser l-kondizzjonijiet tal-kirja u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendi l-pussess tal-istess raba' fi żmien qasir u perentorju pero' mhux qabel il-15 ta' Awissu 2014 u dan taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni".*

9. Dwar l-ewwel kawżali l-konvenut wieġeb li jekk hemm xi arretrati ta' kera dawn mhumiex fl-iskadenzi li semma l-attur, u f'kull każ lest li jħallashom.

10. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-Bord ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta u laqa' t-talba tal-attur. Hu għalhekk evidenti li l-Bord ta raġun lil sid il-kera fir-rigward ta' kull kawżali li fuqhom kienet bażata l-kawża.

11. Skont l-artikolu 4(2)(e) tal-Kap. 199:

> *'Il-Bord jilqa' r-rikors ta' sid il-kera jekk sid il-kera jipprova li –*
>
> *matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, il-kerrej ikun naqas, relattivament għal żewġ perijodi jew iżjed, li jħallas il-kera, f' kull okkażjoni, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ġurnata li fiha sid il-kera jkun talbu bil-miktub biex iħallas'*

12. Fis-sentenza l-Bord qal li mill-provi kien irriżulta li:

> *"Jirriżulta, finalment, illi* ***għalkemm l-intimat ġie interpellat mir-rikorrent sabiex igħaddi l-ħlas tal-qbiela pendenti permezz ta' ittra fis-17 ta' Diċembru 2011 u is-7 ta' Diċembru 2012, huwa baqa' qatt ma ħallas tali qbiela, u kien biss fl-aħħar tal-mori tal-kawża odjerna, ossija fid-9 ta' Novembru 2016 illi tali qbiela ġiet depożitata l-Qorti****".*

13. Għalhekk mhuwiex minnu li l-Bord ma ddeċidiex dwar l-ewwel kawżali. Dan irrispettivament jekk taqbilx ma' dak li qal il-Bord dwar l-interpellazzjonijiet li

qal li saru fis-17 ta' Diċembru, 2011 u 7 ta' Diċembru, 2012. Fil-fatt l-appellat stess xehed li l-ittra tas-7 ta' Diċembru 2012 qatt ma waslet għand l-inkwilin. Ċirkostanza li hu evidenti li l-Bord ma qiesx. Madankollu l-appellant ma pproponiex aggravju f'dan ir-rigward, u llimita ruħu biex jilmenta li l-Bord ma ddeċidiex dwar l-allegata morożita fil-ħlas tal-qbiela. Ilment li manifestament zbaljat.

14. F'kull każ, mill-atti jirriżulta li:

- fil-11 ta' Diċembru 1996 sar l-aħħar pagament tal-qbiela tar-raba' mertu tal-proċeduri odjerni minn missier l-appellant, Paul Tonna, li kien ikopri l-qbiela dovuta sal-25 ta' Diċembru 1996;

- fit-22 t' April 2008, l-appellant ħallas lir-rikorrent is-somma ta' €69.88 rappreżentanti l-qbiela tar-raba' in kwistjoni għall-perjodu bejn is-26 ta' Diċembru 1996 sal-25 ta' Diċembru 2008;

- permezz ta' ittra bonarja datata 17 ta' Diċembru 2011 l-appellat talab lill-appellant iħallsu l-qbiela ta' l-aħħar tlett snin u nfurmah ukoll li kien qed joħloqlu preġudizzju peress li kien qiegħed jippermetti lil terz jgħaddi min ġor-raba' proprjetà tiegħu. L-appellat xehed li, *"jiena ċert li din l-ittra waslet f' idejh għaliex, meta jien ċempilt lil Michael Bezzina fit-18 ta' Jannar 2012, sabiex nilmenta dwar in-nuqqas ta' Anthony Tonna li jħallas il-qbiela, qalli li ma setax jiġi s' għandi fiż-żmien li waslet l-ittra tiegħi għaliex huwa kien ma jiflaħx. Qalli wkoll li l-apertura għall-proprjetà ta' terzi kienet ingħalqet u li l-kaċċatur ma kienx baqa' jgħaddi minn fuq il-proprjetà tiegħi"*;

- l-appellat interpella lill-appellat għall-ħlas tal-qbiela għal darb' oħra permezz ta' ittra datata 7 ta' Diċembru 2012 li din id-darba ntbagħtet bl-advice return. Ir-rikorrent xehed li *"ġiet ritornata mill-pustier"*;

- l-appellat interpella lill-appellat għall-ħlas tal-qbiela għal darb' oħra permezz ta' ittra datata 4 ta' Jannar 2013. Din id-darba l-ittra ġiet mibgħuta by courier u twasslet lill-appellant fit-18 ta' Jannar 2013. Effettivament, l-appellant ċempel lill-appellat dik il-ġurnata stess iżda minkejja li ftehmu li jiltaqgħu fl-20 ta' Frar 2013 sabiex l-appellant iħallas il-qbiela, huwa la tfaċċa u lanqas ċempel lill-appellat;

- permezz ta' ċedola ppreżentata fid-9 ta' Novembru 2016, iġifieri kważi tlett snin wara li bdew dawn il-proċeduri, l-appellant iddepożita taħt l-awtorità tal-qorti s-somma ta' €46.56 rappreżentanti l-qbiela għas-snin bejn l-2009 u l-2016;

15. Skont il-ġurisprudenza:

*'Hi liġi li l-Bord jilqa' r-rikors ta' sid il-kera jekk dan jipprova li "matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, il-kerrej ikun naqas, relattivament għal żewg perijodi jew iżjed, li jħallas il-kera, f' kull okkażjoni, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ġurnata li fiha sid il-kera jkun talbu bil-miktub biex iħallas" [paragrafu (e) ta' l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 199];*

*Din id-disposizzjoni tixbah lid-disposizzjoni l-oħra relattivi għall-kirjiet ta' fondi urbani fl-Artikolu 9 (a) (i) tal-Kapitolu 69, b' din id-differenza illi f' dan l-aħħar każ il-liġi ma tesiġix li l-interpellazzjoni trid tkun bilfors "bil-miktub" kif, għall-kuntrarju, hekk tesiġi fil-każ ta' kirjiet ta' fondi rustiċi fid-disposizzjoni appena riportata. Jista' forsi jiġi ragonat ukoll li m' hemmx affinita bejn iż-żewġ disposizzjonijiet f' aspett ieħor. Hekk, mentri l-Artikolu 9 (a) (i) imsemmi jirreferi għall-interpellazzjoni "dwar kull waħda minn żewġ skadenzi jew iżjed", fil-każ in eżami l-liġi adoperat id-diċitura "f' kull okkażjoni". B' danakollu, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, dawk il-kliem jikkwalifikaw dawk l-oħra preċedenti fit-test tal-liġi, u allura hu mifhum illi l-intima trid tkun ukoll għal kull waħda miż-żewġ perijodi jew skadenzi tal-qbiela li ma tħallsetx, basta, s'intendi, li din issir bil-miktub;*

*Bl-adoperu ta' ċertu ġurisprudenza li nterpretat id-dipost ta' l-artikolu korrispondenti tal-Kapitolu 69, jinsab ritenut illi biex l-inkwilin jiġi konsidrat moruż jeħtieġ li jkun baqa' hekk moruż fil-ħlas ta' żewġ rati tal-kera u illi għal kull rata huwa jkun ġie interpellat għall-ħlas u ħalla jgħaddu ħmistax-il ġurnata mill-interpellazzjoni mingħajr ma ħallas ("John Mizzi et -vs- Paul Galea", Appell, 24 ta' Jannar 1964). Intqal ukoll illi "jekk iż-żewġ skadenzi jkunu magħqudin flimkien u ssir interpellazzjoni waħda, allura jiġi maqtul l-iskop tad-disposizzjoni illi barra minn l-iskandenzi għandu jkun hemm l-interpellazzjoni fil-każ almenu ta' żewġ skadenzi" ("Nazzareno Farrugia proprio et nomine -vs- Lorenzo Bonnici et", Appell, 10 ta' Novembru 1941). Kif ulterjorment imfisser b' referenza espressa għal din l-aħħar sentenza "dik is-sentenza tgħallem illi, għalkemm hu minnu illi l-intima setgħet tinkludi aktar minn skadenza waħda, il-liġi trid li jkun hemm żewġ intimi ta' ħlas ta' kera għal skadenzi differenti, b' mod li l-interprellazzjonijiet ikunu jassiguraw illi s-sid, għal darbtejn fuq xulxin, anke jekk mhux neċessarjament konsekuttivi, ikun talab il-ħlas ta' kera dovut mingħand l-inkwilin li jibqa' inadempjenti għal żmien ħmistax mid-data ta' l-intima." ("Gasan Properties Limited -vs- Avukat Dottor Joseph P. Bonello nomine", Appell, 10 ta' Jannar 2000);*

*...*

*Anke kieku stess pero` kellu jingħad, gratia argomenti illi ma hemm xejn validu minn dak li ġie kkunsidrat s' issa jew li l-interpretazzjoni l-aktar attinenti għall-volonta` tal-legislatur hi dik sottomessa mill-appellanti, l-istess din il-Qorti, ma ssibx, fiċ-ċirkostanzi pekuljari ta' dan il-każ, illi tista' tintrattjeni t-talba tagħhom għar-radd lura tal-pussess minħabba motiv ta' morożità;*

*Huwa paċifikament akkolt illi meta jkun hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-atteġġjament ta' l-inkwilin fin-nuqqas tiegħu li josserva l-obbligi huwa ma jiddekadix mid-dritt tiegħu biex tiġi lilu mġedda l-lokazzjoni (Kollez. Vol. XXXIII P I p 385; Vol. XL P I p 269). Effettivament, ġie imwissi illi "f' materja ta' morożita` tal-kera, il-ġudikant ma għandux jieħu atteġġjament assolut, fis-sens li, meta jivverifika ruħu l-fatt li l-inkwilin ma ħallasx puntwalment il-kera ta' żewġ rati, għandu jilqa' bilfors it-talba għall-iżgumbrament għax il-liġi ma għandhiex isservi ta' pretest għal-lokatur biex jirrexxindi l-kuntratt tal-kirja, imma biss li tissalvagwardah fil-ħlas tal-kera" (Kollez. Vol. XL P I p 373; "Maria Concetta Vella -vs- Federico Galea nomine", Appell, 24 ta' Jannar 1997;'*[3]

[3] **Margaret Zammit et vs Paul Falzon et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-25 ta' Jannar, 2006.

16. L-appellant in kontro-eżami xehed li ma jiftakarx li twasslitlu l-ittra bil-*courier* u mistoqsi dwar il-pagamenti tal-qbiela jgħid li kienet tmur oħtu jew Michael. Pero' ma ressaqhiex bħala xhud. In-neputi tiegħu, Michael Bezzina, xehed li *'għax peress li hemm ftit qbiela ġie li konna nħallsuħ kull għaxar snin u hekk, qed tifhem?'*. Mistoqsi kjarifika mill-Bord qal imbgħad li meta mar iħallas l-appellat ma riedx iżomm il-qbiela u talbu minflok iċ-ċavetta. Ma jirriżultax li qatt kien hemm xi ftehim ma' sid il-kera li l-qbiela titħallas darba kull 10 snin.

17. Il-qorti ma tarax raġuni għalfejn il-verżjoni tal-appellat m'għandhiex titwemmen, li bil-miktub interpella għal ħlas lill-appellant f' aktar minn skadenza waħda u minkejja li dan tal-aħħar irċieva l-imsemmija ittri baqa' inadempjenti. Jidher li l-appellant ħalla f' idejn oħtu u n-neputi tiegħu sabiex iħallsu dak dovut, iżda l-ħlas baqa' ma sarx. Mhuwiex minnu li kien hemm xi prassi li l-qbiela titħallas kull għaxar snin, anzi, minn Dok IZ4 jirriżulta li meta l-qbiela kienet għadha f' isem Paul Tonna, missier l-appellant, kienet titħallas kull sena. Lanqas mhi skuża li l-appellat allegatament m'aċċettax il-qbiela. Michael Bezzina xehed li fiż-żmien meta ltaqa' mal-appellat kien kellem avukat u għalhekk l-appellat ma kellux għalfejn jistenna sakemm il-proċeduri quddiem il-Bord kienu waslu kważi fi tmiemhom sabiex jiddepożita l-arretrati tal-qbiela permezz ta' ċedola.

18. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li l-imsemmija ċedola tista' tagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-ħlasijiet tal-kera mill-2009 'l quddiem, kif donnu qiegħed jippretendi l-appellant fl-ewwel paragrafu tal-aggravju tiegħu.

19. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-ħsarat fil-kamra u fil-ħitan tas-sejjieħ huma dovuti għall-użu regolari u l-elementi tan-natura u mhumiex tali li setgħu iwasslu lil Bord sabiex jasal għall-konvinċiment tar-ripreża tar-raba' in kwistjoni.

20. L-appellat wieġeb illi in kwantu dan l-aggravju huwa bbażat fuq l-apprezzament tal-provi, din il-Qorti m'għandiex tiddisturbah leġġerment. F'kull każ, l-apprezzament tal-fatti u tal-ġurisprudenza li għamel il-Bord kien korrett.

21. In linea proċedurali, skont l-artikolu 10 tal-Kap. 199, appell minn deċiżjoni mogħtija fuq rikors magħmul skont l-artikolu 4 m'huwiex limitat għal punt ta' liġi biss u għalhekk jista' jinkludi appell minn punt ta' fatt.

22. Id-deċiżjoni tal-Bord fir-rigward ta' din il-kawżali kienet ibbażata fuq:

- ir-rapport tal-Membri Tekniċi u x-xhieda tagħhom in eskussjoni fejn ġie kkonfermat illi: (i) l-kamra tal-ġebel antika li tinsab fir-raba' in kwistjoni ssofri minn nuqqas kbir ta' manutenzjoni u hemm diversi ħsarat fuq

ġewwa kawżati minn perkolazzjoni ta' ilma; (ii) l-ħitan tas-sejjieħ mhumiex miżmuma fi stat tajjeb.

- l-insenjamenti ġuridiċi enunċjali fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Joseph Xerri*** deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2007 u fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Cassar Desain et vs Carmel Vella*** deċiża mill-Bord fit-12 t' Ottubru 2008 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju 2009;

23. Filwaqt li l-appellant għamel sottomissjonijiet dwar il-ħtieġa tiegħu għar-raba' in kwisjoni, id-deċiżjoni fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Joseph Xerri*** u l-konsiderazzjonijiet tal-Bord kienu rrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża għaliex it-talba għar-ripreża tar-raba' ma kinitx ibbażata fuq l-artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 199.

24. Kienu pertinenti iżda, il-prinċipji li ssemmew fis-sentenza ***Cassar Desain et vs Carmel Vella.*** Effettivament, mir-rapport tal-periti rriżulta li l-kamra l-antika li tinstab fir-raba' ssofri minn nuqqas <u>kbir</u> ta' manutenzjoni u l-ħitan tas-sejjieħ m'humiex miżmuma fi stat tajjeb in kwantu hemm fejn hemm xi slieħi fil-ħitan u hemm fejn huwa mġarraf fit-tul.[4]

25. Hekk kif tgħallem il-ġurisprudenza ċitata, il-liġi trid li fl-għeluq il-kirja il-kerrej jirritorna l-ħaġa mikrija fi stat tajjeb u jikkonservaha sal-kunsinna.

26. Il-Bord għandu jiddeċiedi skont l-ilment li jkun ippropona sid il-kera fir-rikors promotur. F'dan il-każ l-ilment tas-sid kien li fir-raba' oġġett tal-kawża hemm kamra rurali li tinsab fi stat ħażin ta' manutenzjoni u li l-intimat għamel żvilupp fl-istess raba' li jikkonsisti f'passaġġ bil-wiċċ tal-ġebel biex jiffavorixxi proprjeta ta' terzi li jgħaddi minnu.

27. Il-qorti tosserva:-

   i. Minkejja dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, jidher li l-inkwilin aċċetta li ħsarat fil-ħitan tas-sejjiegħ kienu *fact in issue*. Tant hu hekk li fit-tieni aggravju llimita ruħu biex isostni li huma esposti għall-elementi, li jrenduha iktar vulnerabbli għall-ħsarat.
   ii. Mir-rapport tal-esperti tekniċi nkarigat mill-Bord hu evidenti li fil-kamra li hemm fir-raba', hemm nuqqas ta' manutenzjoni serja (ara wkoll per eżempju ritratti a fol. 56).

[4] Fol 48 – 58 u t-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni inseriti bejn fol. 73 u 74.

28. Għalkemm l-appellant argumenta wkoll li, *"ħsarat aċċennati għalihom mill-Bord, ma jikkostitwixxux ħsarat tali għar-ripreża tar-raba' in kwistjoni"*, ma qal xejn biex jikkonvinċi lill-qorti li l-Bord wasal għall-konklużjoni li ma kellu qatt jasal għaliha.

29. Dwar il-passaġġ bil-ġebel ta' ċangatura, ma jirriżultax li l-Bord ta importanza għal tali fatt tant hu hekk li ma ssemmiex fil-parti tas-sentenza li titratta dwar il-ħsarat.

30. Wara li l-qorti qieset dak li ngħad fir-rapport tal-periti tekniċi, ir-ritratti u wkoll l-eskussjoni, tqies li mhemm xejn li jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-Bord ma kellu qatt jilqa' t-tieni kawżali.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant. Il-perjodu ta' żgumbrament jiddekorri mil-lum.**

Anthony Ellul.